Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,982, 27 ta' Diċembru, 2022*
*Taqsima C*

# Nru 34

27. 12. 2022

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Robert Abela, M.P., Prim Ministru, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-19 ta' Diċembru 2022.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Robert Abela, M.P., Prime Minister, and read the First time at the Sitting of the 19th December 2022.

**AN ACT to amend the Standards in Public Life Act, Cap. 570.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Verżjoni Elettronika



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali" Titolu fil-qosor. Kap. 570.

**2.** Il-proviso għall-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dawn il-provisos ġodda li ġejjin: Emenda tal-artikolu 4 tal-Att principali.

"Iżda jekk ir-Riżoluzzjoni meta titqiegħed għall-vot ma jkollhiex is-sostenn tal-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, għandu jittieħed it-tieni vot fuq ir-Riżoluzzjoni mhux aktar kmieni minn sebat (7) ijiem mill-ewwel vot li jkun ukoll jeħtieġ il-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, u jekk fit-tieni vot ir-Riżoluzzjoni ma jkollhiex is-sostenn tal-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, għandu jittieħed it-tielet vot fuq ir-Riżoluzzjoni mhux aktar kmieni minn sebat (7) ijiem mit-tieni vot u fl-imsemmi tielet vot ir-Riżoluzzjoni għandha tkun approvata diment li jkollha s-sostenn tal-maġġoranza tal-voti tal-membri kollha tal-Kamra, u f'dan il-każ il-President ta' Malta għandu jaġixxi skont ir-Riżoluzzjoni kif approvata:

Iżda wkoll jekk ikun se jittieħed it-tieni jew it-tielet vot, kandidati ġodda għall-kariga ta' Kummissarju jkunu jistgħu jiġu nominati flimkien ma' kwalunkwe kandidati nominati oħra, qabel it-teħid tat-tieni u t-tielet vot:

Verżjoni Elettronika



Iżda wkoll meta persuna li ma tkunx membru tal-Kamra tiġi eletta bħala Speaker tal-Kamra, l-imsemmija persuna ma għandhiex titqies li tkun membru tal-Kamra bil-għan li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa b'dan l-artikolu.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġi emendat l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika biex jipprovdi għal mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni fil-proċess tal-ħatra tal-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika fejn wara żewġ voti ma tinkisibx Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha s-sostenn tal-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra.

Verżjoni Elettronika



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Standards in Public Life Act, Cap. 570.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Standards in Public Life (Amendment) Act, 2022 and this Act shall be read and construed as one with the Standards in Public Life Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 570.

**2.** The proviso to article 4 of the principal Act shall be substituted by the following new provisos: Amendment of article 4 of the principal Act.

"Provided that if the Resolution when put to the vote is not supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, a second vote on the Resolution shall be taken not earlier than seven (7) days from the first vote which shall also require the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, and if at the second vote the Resolution is not supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House, a third vote on the Resolution shall be taken not earlier than seven (7) days from the second vote and at the said third vote the Resolution shall be approved provided that it is supported by the majority of the votes of all the members of the House, and in this case the President of Malta shall act according to the Resolution as approved:

Provided further that when a second or a third vote are to be taken, new candidates for the office of Commissioner may be nominated together with any other nominated candidates, before the taking of the second and the third vote:

Verżjoni Elettronika



Provided further that when a person who is not a member of the House is elected to be the Speaker of the House, the said person shall not be considered to be a member of the House for the purpose of establishing the majority required by this article.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to amend the Standards in Public Life Act to provide for an anti-deadlock mechanism in the appointment process of the Commissioner for Standards in Public Life where a resolution of the House of Representatives supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House is not attained after two votes.

Verżjoni Elettronika

**Prezz/*Price***
**€0.27**

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.27**